**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. KEVAN AZZOPARDI B.A., LL.D.**

Illum, 5 ta' Frar 2024

Każ Numru: 707/2011

**IL-PULIZIJA**

**Vs**

**Raymond Cachia**

(Detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 251162 (M))

**Il-Qorti:**

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat, Raymond Cachia ta' 49 sena, iben Dominic u Dolores xebba nee' Zammit, imwieled Imtarfa, nhar it-12 ta' April 1962, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 251162 (M) u residenti Blokk F, Flat 8, Triq il-Karamelli, Mgarr, Malta:

U akkużat talli fit-3 ta' Mejju 2010 jew fil-jiem u x-xhur ta' qabel, ikkorrompejt lil Nicholas sive Nikki Dimech, Sindku tal-Kunsill Lokali ta' Tas-Sliema;

Kif ukoll talli fit-3 ta' Novembru 2010 ġewwa Tas-Sliema, bil-ħsieb li testorċi flus f'xi ħaġa oħra, jew li tagħmel xi qligħ, jew bil-ħsieb li ġġiegħel lil persuni oħra tesegwixxi, tiddistruġġi, tqalleb, jew tagħmel testment jew obligazzjoni bil-miktub, titolu jew garanzija, jew tagħmel jew tonqos milli tagħmel xi ħaġa, heddidt li tagħmel denunzja jew kwerela kontra. Jew li tagħmel malafama lil Patrick Pace, Kunsillier fil-Kunsill Lokali ta' Tas-Sliema, b'liema theddid wasalt fil-ħsieb tiegħek;

U aktar talli fl-istess data, lok u ċirkostanzi użajt vjolenza sabiex iġġiegħel lil Patrick Pace Kunsillier fil-Kunsill Lokali ta' Tas-Sliema, iħalli ssir, jew jonqos milli jagħmel xi ħaġa, u b'liema għemil wasalt fil-ħsieb tiegħek.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija barra li tinfliġġi l-piena stabbilita mill-Liġi, tapplika l-provvediment ta' l-Artikolu 119 tal-Liġijiet ta' Malta.

Filwaqt li l-Pulizija Eżekuttiva esebiet l-att ta' twelid kif ukoll il-fedina penali tal-imputat, talbet li dan il-każ jiġi nvestigat skond il-liġi.

Rat illi fis-seduta tat-23 ta' Settembru 2013 il-Prosekuzzjoni eżentat lil Qorti mis-smiegħ mill-ġdid tal-provi filwaqt li fis-seduta tal-4 ta' Novembru 2013 l-imputat kif assistit eżenta lill-Qorti mis-smiegħ mill-ġdid tal-provi.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali li permezz tagħha bagħat lill-imputat Raymond Cachia biex jiġi ġġudikat minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali taħt:

- L-artikoli 115(1)(a) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- L-artikoli 120(1) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- L-artikoli 250(1)(2) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- L-artikoli 251(1)(2) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- L-artikoli 17, 31 u 119 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat illi waqt is-seduta tas-16 ta' Settembru 2019 ġew moqrija l-Artikoli mibgħuta mill-Avukat Ġenerali;

Rat li f'dik l-istess seduta, l-imputat iddikjara li ma kellux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jiġi trattat u deċiż minn din il-Qorti bi proċedura sommarja;

Rat illi f'dik l-istess seduta, l-Uffiċjal Prosekutur iddikjara illi ma għandux aktar provi xi jressaq;

Rat illi fis-seduta tad-9 ta' Marzu 2020, l-imputat iddikjara illi ma għandux aktar provi xi jressaq;

Rat id-Digriet tal-Assenjazzjoni ta' Kawżi u Doveri datat 9 ta' Marzu 2023 permezz ta' liema din il-proċedura ġiet assenjata lil din il-Qorti hekk kif inhi ppreseduta, kif ukoll l-eżenzjoni tal-partijiet mis-smiegħ mill-ġdid tal-provi minn din il-Qorti kif presjeduta;

Rat ix-xhieda;

Rat l-atti proċesswali kollha tal-każ odjern u d-dokumenti esebiti;

Semgħet lill-Prosekuzzjoni tiddikjara li kienet se toqgħod fuq il-provi;

Semgħet s-sottomissjonijiet finali tal-imputat;

**Ikkunsidrat**

**A. <u>Fatti tal-każ</u>**

In sostenn tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat, il-Prosekuzzjoni ressqet is-segwenti xhieda u provi:

1. **L-Avukat Dottoressa Angele Vella** xehdet li hija uffiċjal legali fid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

   Sostniet li Nicholas Dimech detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 301779(M) ġie elett kunsillier fl-elezzjoni tal-11 ta' Marzu 2006, reġa ġie elett fl-elezzjoni tas-6 ta' Ġunju 2009 u ġie maħtur Sindku fl-ewwel laqgħa tal-kunsill li saret fis-6 ta' Lulju 2009. Serva bħala Sindku sat-2 ta' Settembru 2010 u sa dakinhar li xehdet u cjoe l-11 ta' Novembru 2011 kien għadu kunsillier fil-Kunsill Lokali ta' Tas-Sliema.

   Sostniet ukoll li Raymond Cachia detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 821162(M) huwa kunsillier, u ilu kunsillier ta' San Ġiljan mil-31 ta' Mejju 2010, filwaqt li s-Sur

Patrick Pace detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 206577(M) huwa kunsillier tal-Kunsill Lokali ta' Tas-Sliema u ilu kunsillier mis-6 ta' Ġunju 2009.

L--mputat ġie elett fil-Kunsill Lokali ta' San Ġiljan fil-31 ta' Mejju 2010 u dam kunsillier sal-31 ta' Marzu 2012.

Is-Sur Patrick Pace ġie elett fil-Kunsill Lokali ta' Tas-Sliema fis-6 ta' Ġunju 2009 sad-9 ta' Frar 2012.

2. **L-Ispettur Angelo Gafa'** xehed illi waqt li kien għaddej b'investigazzjonijiet t'allegazzjonijiet ta' korruzzjoni li fihom kien involut is-Sindku ta' Tas-Sliema Nicholas Dimech, f'Settembru u Ottubru 2010, irċieva żewġ ittri anonimi fejn dawn kienu jirrigwardjaw allegazzjonijiet ta' irregolaritajiet fl-istess Kunsill Lokali ta' Tas-Sliema. L-ewwel ittra tal-11 ta' Settembru 2011 kienet tagħmel referenza għal xi kuntratturi li kienu jissupplixxu servizzi lill-istess Kunsill Lokali. Fit-tieni ittra tat-13 ta' Ottubru kien hemm allegat li Nicholas Dimech kien qed iħallas commission lil kunsilliera Eve Galea Debono u Martin Pace permezz ta' cheque.

   Il-pulizija għamlet investigazzjoni fuq il-kontijiet bankarji ta' Nicholas Dimech u fost iċ-ċekkijiet li ntraċċaw il-pulizija sabet wieħed li daħal fil-kont bankarju ta' Nicholas Dimech u ċjoe fil-kont bankarju bin-numru 006072193001 tal-HSBC Bank. Dan kien jirrigwarda ċekk bin-numru 11147 maħruġ minn kont bankarju tal-BOV bin-numru 14809369022 li l-account kien jgħajjat lil Kunsill Lokali ta' Tas-Sliema.

   Dan iċ-ċekk kien inħareġ lil Raymond Cachia għal xogħol li kien għamel ta' tiswija ta' drenaġġ fil-fond 21, High Street, Sliema u spiċċa fil-kont bankarju tas-Sindku Nicholas Dimech.

   Ix-xhud kien arresta lill-imputat. Fl-ewwel stqarrija tiegħu l-imputat sostna li ċ-ċekk għaddih lis-Sur Dimech għal ammont ta' flus li kien silfu. Finalment l-imputat ammetta li ċ-ċekk kien għaddih lis-Sur Dimech bħala commission wara li dan talab dan it-tip ta' ħlas.

L-imputat stqarr max-xhud li kien hemm bzonn li jsir xi xogħol f'dar abbandunata u minħabba li l-ammont tax-xogħol kien elf u ħames mitt lira Maltin (LM1,500) u direct orders mill-Kunsilli Lokali ma jistgħux jaċċedu l-ħames mitt lira Maltin (LM500), ix-xogħol kien inqasam fi tlett quotations fejn waħda kienet għat-tneħħija taż-żibel, l-oħra kienet għal għeluq tal-aperturi u xi tikħil u l-oħra kienet għat-tiswija tad-drenaġġ u huwa ngħata dan ix-xogħol fl-aħħar tas-sena 2009.

L-imputat stqarr max-xhud li s-Sindku Nicholas Dimech kien talbu sabiex l-ewwel ħlas kellu jgħaddih lilu bħala apprezzament talli għaddilu x-xogħol.

L-imputat stqarr max-xhud li huwa għadda l-pagament lis-Sindku għaliex li kieku ma għamilx hekk huwa kien se jispiċċa mingħajr impjieg. Iċ-ċekk kien taħulu fl-uffiċċju li s-Sindku kellu ta' Xbiex.

Wara li s-Sur Dimech kien tressaq il-Qorti fuq xi allegazzjonijiet li saru minn Stephen Buhagiar, s-Sur Dimech kien talab lill-imputat sabiex ma jgħid xejn ma ħadd rigward iċ-ċekk li kien għaddilu u għalhekk huwa qatt ma tkellem ma ħadd rigward dan iċ-ċekk.

L-imputat stqarr max-xhud li kien sellfu xi flus, iżda dan sellifhomlu xhur wara li huwa kien għadda dan iċ-ċekk.

Sussegwentament ġie arrestat Nicholas Dimech iżda ma wieġeb għal ebda domanda.

Fil-kors tal-investigazzjoni ġie interrogat ukoll Patrick Pace fejn dan sostna li wara li kien ittieħed vot ta' sfiduċja fis-sindku Nicholas Dimech huwa beda jirċievi xi theddid fosthom fuq facebook.

Patrick Pace sostna li wara li Dr Joanna Gonzi kienet ġiet appuntata bħala Sindku u qabel ma dan kien se jattendi laqgħa tal-kunsill huwa kien irċieva telefonata mingħand Raymond Cachia fejn kien talbu sabiex jiltaqgħu.

Meta mar fuq il-post, s-Sur Cachia kien wieqaf ma vettura tal-għamla Peugeot u fiha kien hemm Nicholas Dimech u ċertu Jovain Hall u hemmhekk is-Sur Cachia kien qal lis-Sur Pace illi kien ikun aħjar għalih li ma jattendix għal dik il-laqgħa għaliex s-Sur Dimech

kien se jikxfu ma kulħadd u jimmalafamah ma kulħadd li kien aċċetta żewġ ċekkijiet mingħandu.

Ix-xhud sostna li l-pulizija kien irriżultala li fil-fatt is-Sur Pace kien irċieva xi ħlasijiet mingħand is-Sur Dimech u kienu nbdew proċeduri legali fil-konfront tiegħu. L-għan tas-Sur Dimech kien li għal laqgħa ma jkunx hemm quorum u s-Sur Pace ma kienx attenda għal laqgħa. Il-laqgħa kienet saret fit-3 ta' Novembru 2010.

Minħabba li s-Sur Pace kien indika li kienu sarulu żewġ telefonati mingħand Raymond Cachia bin-numru ċellulari 79262068, ix-xhud kien għamel request u rriżultalu li dawn it-telefonati verament kienu saru. Għalhekk ix-xhud kien arresta lill-imputat Raymond Cachia u dan ammetta miegħu li verament kien bleckmejla lis-Sur Pace u dan fuq struzzjonijiet ta' Nicholas Dimech.

Dwar dan il-fatt ix-xhud kien interroga lis-Sur Dimech, iżda dan kien baqa' sieket.

Ix-xhud esebixxa s-supplier history tal-Kunsill Lokali ta' tas-Sliema għal dak li jirrigwarda s-Sur Raymond Cachia, payment voucher, purchase request form kif ukoll l-invoice tas-Sur Cachia in konnessjoni maċ-ċekk li sussegwentement ġie ddepożitat fil-kont bankarju ta' Dimech, kopja ta' deposit voucher, il-mandat t'arrest fil-konfront ta' Raymond Cachia, stqarrija tal-imputat datata 11 ta' Jannar 2011, stqarrija tal-imputat datata 12 ta' Jannar 2011, korrispondenza li l-pulizija rċeviet mingħand GO mobile, stqarrija tal-imputat datata 19 ta' Jannar 2011u marriage certificate tal-imputat u martu minħabba li t-telefonati li kien saru lis-Sur Pace mill-imputat kienu saru minn numru ċellulari rreġistrat fuq mart l-imputat Victoria Cachia.

3. **Rowauld Attard** xehed li l-kariga tiegħu hija dik ta' Manager fil-Legal Office Bank of Valletta u sostna li minħabba li ċ-ċekk tal-Bank of Valletta maħruġ mill-Kunsill Lokali tas-Sliema lil Raymond Cachia ġie ddepożitat f'bank ieħor, huwa ma setax jagħti d-dettalji li ġie mitlub dwarhom.

4. **Dr Mark Sammut in rappreżentanza ta' APS Bank Ltd** xehed li huwa jokkupa l-kariga ta' Legal Advisor ma l-APS Bank Ltd.

Sostna li l-kont bin-numru 20000461268 huwa ta' Nicholas Dimech.

5. **Anthony Bonnici in rappreżentanza ta' Go Mobile** xehed li huwa qiegħed jagħraf il-firma tiegħu fuq d-dokument mmarkat bin-numru 9 u kkonferma li r-riċerka kien għamilha hu personalment.

   Sostna li Vicky Cachia detentriċi tal-karta tal-identita' bin-numru 83465(M) hija is-subscriber tan-numru 7962068.

6. **Zvetlana Curmi** xehdet li f'Novembru 2010 hija kienet tokkupa l-kariga ta' Segretarja Eżekuttiva tal-Kunsill Lokali ta' Tas-Sliema. Kienet ilha tokkupa din il-kariga sa' mill-10 ta' Mejju 2010. Hija kkonfermat li dokumenti 1, 2 u 13 li kienet qiegħda tiġi murija kienet għaddiethom hi lil pulizija.

   Fil-preżent taħdem bħala Senior Manager il-Kunsill Malti.

   Sostniet li għal laqgħa tat-3 ta' Novembru 2010 kien hemm preżenti s-Sindku Joanna Gonzi, l-Viċi Sindku Cyrus Engerer, il-kunsilliera Melanie Aquilina, Yves sive Bobby Cali, Andre Camilleri, Edward Cuschieri, Martin Debono, Julian Galea u Nikolai Gauci.

   Nikki Dimech kien assenti u Patrick Pace kien skużat milli jattendi.

7. **Ex PC 569 Anthony Cassar** ikkonferma li l-firma li hemm fl-istqarrija tal-imputat hija tiegħu.

8. **WPC 279 Shirley Calleja** ikkonfermat li l-firma li hemm fl-istqarrija tal-imputat hija tagħha.

9. **Dr Marion Camilleri in rappreżentanza tal-Kunsill Lokali Sliema** xehdet illi l-minuti tal-laqgħa tat-3 ta' Novembru 2010 ma humiex disponibbli peress li qatt ma ġew approvati.

10. **Paul Gatt** xehed li huwa jokkupa l-kariga ta' Aġent Segretarju Eżekuttiv fil-Kunsill Lokali Sliema fejn huwa ppreżenta lista tas-sitt leġislatura li kienet tibda minn Lulju 2009 sakemm ġie xolt il-Kunsill fi Frar 2012, fejn hemm l-attendenzi kollha ta' Patrick Pace.

11. **Matthew Dimech** esebixxa dokument li ġie mmarkat bħala DokMD1, żewġ invoices li ġew immarkati DOK MD2 u Dok MD3 rispettivament, rapporti li ġew esebiti bħala dokument wieħed mmarkat DOK MD4, minuti tal-laqgħa tal-Kunsill tal-5 ta' Awwissu 2010 li ġie mmarkat DOK MD5 u minuti tal-laqgħa tal-Kunsill tat-2 ta' Marzu 2011 immarkat bħala DOK MD6. Ix-xhud esebixxa żewġ invoices oħra datati 15 ta' Jannar 2010 u 26 ta' Frar 2010 li ġew immarkati minn DOK MD7 sa Dok MD9. Huwa xehed li jokkupa l-kariga ta' Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill ta' Tas-Sliema.

    Muri fol 20 tal-proċess li hija purchace request minn Daniel Micallef, ix-xhud sostna li Daniel Micallef huwa skrivan u għadu mpjegat il-Kunsill Lokali tas-Sliema. Kien clerk u llum il-ġurnata assistant principal u r-remit tiegħu fuq maintenance.

    Ix-xhud sostna li l-invioces imorru kontra l-general procurement regulations tal-Kunsill Lokali għax inqabeż id-direct order limit. L-invoices u l-purchase request form tagħhom waslu l-kunsill u ħarġu mill-kunsill f'Jannar 2010 u Frar 2010 rispettivament. Tressqu għal approvazzjoni tal-ħlas sena wara u cjoe fit-2 ta' Marzu 2010 fejn dawn ma ġewx approvati. Ix-xogħol sar mill-imputat Raymond Cachia fil-propjeta' 21, High Street, Sliema u l-invoices inħarġu minnu stess.

    Jirriżulta li dik il-propjeta' hija tal-privat. Fil-minuti hemm indikat li Nicholas Dimech insista li dak ix-xogħol kien meħtieġ li jsir għaliex il-propjeta' li fuqha sar ix-xogħol kienet ta' periklu għas-saħħa tar-residenzi fil-viċinanzi tagħha u għalhekk dan ix-xogħol kellu jsir b'mod urġenti. Kienet intbagħtet korrispondenza lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali għal gwida tiegħu.

    Finalment ix-xhud sostna li għal laqgħa tat-3 ta' Novembru 2010 ma jeżistu l-ebda minuti, la draft u lanqas uffiċjali.

12. **Joevin Hall** xehed li huwa jaf lill-imputat Raymond Cachia. Xehed li lil Raymond Cachia sar jafu propju mill-Kunsill Lokali.

Ix-xhud sostna li Raymond Cachia kien ha jwasslu biex iġib il-pilloli tal-pressjoni minn Dingli Street u Patrick Pace ried ikellem lil Nikki Dimech. Minħabba li l-ispiżerija kienet se tagħlaq hu u l-imputat marru jixtru l-pilloli u ħallew lil Patrick Pace u Nikki Dimech jitkellmu u x'ħin marru lura ma sabuhomx hemmhekk.

Ix-xhud u l-imputat ħasbu li daħlu l-Kunsill u bdew jistennewhom barra iżda x'ħin ix-xhud mar jiċċekkja jekk kienux hemmhekk, ma sabhomx hemmhekk.

13. **Yves sive Bobby Cali** xehed kif minn nofs is-sena 2009 sas-sena 2011 huwa kien Kunsillier fil-Kunsill ta' Tas-Sliema fejn dak iż-żmien l-ewwel kien hemm Nikki Dimeck Sindku imbagħad kienet inħatret Joanna Gonzi Sindku.

Ix-xhud xehed li l-imputat Raymond Cachia kien jafu għax kien jieħu xi xogħol mingħand il-Kunsill. Il-Kunsill kien ilu minn żmien qabel u cjoe minn żmien li kienet Sindku Marina Arrigo li meta jinqala xi xogħol kienu jibgħatu għal xi persuna li ġeneralment kienu jkunu dejjem l-istess erba' min nies u jaraw kienux lesti li jaħdmuha. Dawn il-persuni kienu jitqabbdu mill-istaff tal-Kunsill.

In kontro-eżami x-xhud sostna li l-istaff tal-Kunsill kien jibgħat għal dawn l-erba' minn nies u jitlobhom quotation u kien jintgħażel l-aktar wieħed li joffri offerta vantaġġuża.

14. **Il-Perit Martin Debono** xehed li huwa kien Kunsillier fil-Kunsill Lokali Sliema u kien jieħu ħsieb il-proġetti. Huwa ħadem taħt is-Sindki Robert Arrigo, Marina Arrigo, Bonello Depuis, Nikki Dimench u Joanna Gonzi.

Ix-xhud sostna li huwa kien jaf lill-imputat Raymond Cachia għaliex kien jagħmel xi xogħol lill-Kunsill. Dan ix-xogħol kien jikkonsisti f'affarijiet żgħar li ħafna drabi kien jieħu ħsiebhom l-istaff tal-Kunsill u mhux il-Kunsilliera.

Ix-xhud ma jiftakarx li waqt xi laqgħa tal-Kunsill huma kienu iddiskutew xi pagament problematiku tas-Sur Cachia

15. **Daniel Micallef** xehed li fis-sena 2010 huwa kien jokkupa il-kariga ta' Clerk fil-Kunsill Lokali Sliema. Dak iż-żmien is-Sindku tal-Kunsill kien Nikki Dimech. Lill-imputat Raymond Cachia sar jafu għax fi żmien Mrs Arrigo huwa kien jirranġa l-bankini. Xogħlu kien li jieħu ħsieb il-ħaddiema, complaints, customer care u kien jagħmel il-purchase orders ukoll.

Muri fol 20 tal-proċess, ix-xhud sostna li għal kull biċċa xogħol jew purchase order jew għal kull ħaġa li tinxtara kien joħroġ il-purchase request. Huwa kien jittajpjahom bil-computer, imbagħad tiffirmahom is-segretarja tal-Kunsill. Imbagħad wara l-clerk Stephanie Friggieri kienet tagħmel is-schedule of payments. Imbagħad titla quddiem il-Kunsilliera sabiex japprovawha, u jekk japprovawha jinħareġ il-pagament. Iċ-ċekkijiet kienu jiġu ffirmati mis-Segretarju Eżekuttiv u mis-Sindku.

16. **Patrick Pace** xehed li l-proċeduri kriminali fil-konfront tiegħu huma finaliżżati u ħareġ liberat. Spjega li fis-sena 2009 kien Kunsillier tal-Kunsill Lokali Sliema u li Nikki Dimech kien Sindku. Il-Kunsill Lokali kien iffurmat minn Martin Debono, Yves Cali, Cyrus Engerer, Edward Cuschieri, Sandra Camilleri, Julian li iżda ma ftakarx kunjomha, Marianne li iżda ma ftakarx kunjomha u jista wkoll kien hemm ukoll bħala kunsillier Nikolai.

Sostna li fil-bidu tal-leġislatura r-relazzjoni bejn il-kunsilliera kienet tajba iżda eventwalment il-Kunsill spiċċa biex ġie xolt. Il-Kunsilliera kienu jiltaqgħu darba fix-xahar u kienu jieħdu d-deċiżjonijiet li kien ikun hemm bżonn. Ix-xhud sostna li huwa dejjem mexa mal-linja tal-Partit tiegħu u ċjoe l-Partit Nazzjonalista. Lil Raymond Cachia sar jafu għax kien jgħinu meta kien jagħmel il-door to door visits.

Muri dokument inserit a fol 71 sostna li dan huwa email li kien irċieva jumejn qabel ma żżewweġ. Il-facebook message suppost li ntbagħat lix-xhud minn Valentina Rea. Meta qara dak il-messaġġ ma ħassux komdu. Minħabba li dejjem mexa fuq il-linja tal-Partit, meta sar il-vot ta' sfiduċja fil-konfront tas-Sindku Nikki Dimech. Huwa kien ivvota kontra Nikki Dimech.

Ix-xhud sostna li huwa kien issellef ħames t'elef mingħand Nikki Dimech. Dan is-self kien sar qabel ma huwa kien iżżewweġ.

Il-facebook message kien irċevih jumejn qabel ma żżewweġ (on the 14th iżda ma jindikax ta' liema xahar u sena) u qrah propju dakinhar li żżewweġ (on the 16th iżda ma jindikax ta' liema xahar u sena). Eventwalment sostna li huwa kien iżżewweġ fis-19 ta' Settembru 2010. Ix-xhud ma ftakarx in-numru tal-mobile li huwa kellu dak iż-żmien.

Sostna li f'Settembru tas-sena 2010 huwa kien irċieva telefonata mingħand Raymond Cachia u qallu li ried ikelmu. Ix-xhud infurmah li huwa kien sejjer għal laqgħa u ftehmu li jiltaqgħu hemmhekk. Eventwalment ix-xhud sab lill-imputat f'kantuniera f'Depiro Street tas-Sliema u infurmah li aħjar ma jidħolx għal laqgħa għax jekk jagħmel dan, Nikki Dimech kien se jmur jgħid li tah il-flus. Għalhekk biex jipproteġi r-reputazzjoni tiegħu x-xhud għażel li ma jattendiex għal laqgħa. Raymond Cachia kien barra l-karozza u fil-karozza kien hemm Nikki Dimech u Joven Hall. Eventwalment Joven Hall ħareġ mill-karozza u x-xhud kellem lil Nikki Dimech waħdu fil-karozza. Dakinhar Nikki Dimech kien irrabjat u anke talbu lura l-flus li kien silfu.

In Kontro-eżami x-xhud sostna li dan l-episodju seħħ wara l-vote of no confidence f'Nikki Dimech. Nikki Dimech kien irrabjat ħafna għalih għax ivvota kontrih. Dan minħabba li meta kien fil-bżonn, kien Nikki Dimech li kien għenu finanzjarjament biex ikun jista' jagħmel it-tieġ. Ix-xhud sostna li huwa għadu ma raddx lura l-ammont ta' ħames t'elef lura lil Nikki Dimech.

Valentina Ria kienet it-tfajla ta' Nikki Dimech.

Ix-xhud sostna li dak iż-żmien huwa ħassu inkwetat minn Nikki Dimech għax beda jibża li ha jħassarlu r-reputazzjoni tiegħu billi joqgħod jgħid lin-nies li kien silfu l-flus. Ix-xhud sostna li minn qabel ma kien se jmur għal laqgħa, huwa kien konxju li Nikki Dimech kien se jimbarazzah. Dik ma kienx qalilu l-imputat Raymond Cachia biss. Kien irċieva email u anke kienu qalulu xi nies oħra li Nikki Dimech kien se jimbarazzah.

**Ix-xhud sostna li huwa ma beżax mill-imputat Raymond Cachia. Huwa kien qed jibża minn Nikki Dimech. Raymond Cachia kull ma għamel kien sempliċiment li kkomunikalu dak li kien diġa sema mingħand terzi li kien se jiġrilu jekk jidħol għal laqgħa. Raymond Cachia ma kien qallu xejn ġdid, ħlief dak li kien diġa sema'**

**mingħand terzi. Dakinhar li kien kellmu Raymond Cachia, l-istess Raymond Cachia ma kienx kellmu b'rabja. Kienu tkellmu kif jitkellmu żewġt iħbieb.**

17. **Joseph Saliba in rappreżentanza ta' Jobs Plus** ippreżenta l-full employment history tal-imputat Raymond Cachia, liema dokument ġie mmarkat DOK JS1.

18. **Anthea Borg** xehdet li fis-sena 2009 hija kienet assistent prinċipal mal-Kunsill ta' Tas-Sliema. Hija kienet toħroġ permessi ta' cranes, scaffolding, taqdi lin-nies u tieħu t-telephones. Minn Jannar 2010 sa April 2010 hija kienet tokkupa ghal perjodu temporanju il-kariga ta' deputat segretarju eżekuttiv. Ix-xhud xehdet kif meta kien ikun hemm bzonn li jsir xogħol minuri l-customer care kien jibgħat għan-nies assenjati mal-Kunsill Lokali u ċjoe l-handyman.

    Murija d-dokument a fol 20, ix-xhud sostniet li qed tagħraf il-firma tagħha fuqu. Ix-xhud sostniet li skond l-invoice kienu saru xi xogħlijiet mill-imputat Raymond Cachia pero hija qatt ma marret tara x-xogħol. Ix-xhud sostniet li ladarba hemm miktub cheque presented 4.5.2010 allura l-probabilta li l-ħlas kien sar. Ix-xhud sostniet li hija kienet tara lill-imputat ġewwa l-Kunsill ta' Tas-Sliema pero qatt ma kienet qrib tiegħu. Ix-xhud ikkonfermat li c-cheque kien iffirmat kemm minnha u anke mis-Sindku Nicholas Dimech.

19. **Stephania Friggieri** xehdet li lejn l-aħħar tas-sena 2009 u fis-sena 2010 hija kienet tokkupa il-kariga ta' assistent prinċipal u kienet account officer, pero bejn Jannar tas-sena 2010 u Awwissu tas-sena 2010 hija kienet bil-maternity leave.

    Ix-xhud sostniet li fiż-żmien li kienet il-Kunsill, il-proċedura meta kien ikun hemm bżonn li jsir xi xogħol kienet li normalment jitolbu kwotazzjoni u imbagħad tinħareġ purchase order bl-approvazzjoni tas-segretarju eżekuttiv. Wara li jkun sar ix-xogħol tinħareġ l-invoice, din l-invoice titpoġġa fis-schedule of payments, tiġi approvata waqt il-laqgħa tal-Kunsill Lokali u eventwalment isir il-pagament.

    Ix-xhud sostniet li hija kienet tara lill-imputat ġewwa il-Kunsill Lokali ta' tas-Sliema pero ma tafx għalfejn kien imur. Ġieli kienet tarah ikellem lis-Sindku Nikki Dimech u ġieli kien imur jagħmel xi xogħol. Ix-xogħlijiet li kien jagħmel kienu tal-Kunsill Lokali.

20. **Rebecca Micallef in rappreżentanza tal-APS Bank** xehdet u ppreżentat statement immarkat Dok RM1 li jindika ċ-ċekkijiet li nħarġu minn Nicholas Dimech bejn Frar u Ġunju tas-sena 2010 kif ukoll dokument ta' cheque images li nħarġu minn Nicholas Dimech bejn Frar u Ġunju tas-sena 2010 liema dokument ġie mmarkat DOK RM2.

21. **Stqarrija tal-imputat Raymond Cachia tal-11 ta' Jannar 2011** fejn fiha l-imputat sostna li huwa jaħdem fil-construction u kellu Tender mal-Kunsill Lokali Sliema fi żmien Robert Arrigo u Marina Arrigo. Huwa ikkonferma li bejn April 2009 u Marzu 2010 għamel xi xogħol ta' tiswijiet ta' bankini, tneħħija ta' debris, tindif f'post fi Triq il-Kbira u tiswija ta' drenaġġ fl-istess post mill-Kunsill Lokali Sliema. Huwa kkonferma li għal dan ix-xogħol kien fadallu jieħu l-ammont ta' €1091.50c

    Stqarr li lil Nikki Dimech jafu għax kien ikun ma Robert Arrigo. Kien ilu jafu xi sentejn u nofs u anke għenu fil-kampanja tal-Kunsill Lokali. Sostna li Nikki Dimech qatt ma talbu flus. Sostna wkoll li huwa qatt ma ta' flus lil Nikki Dimech.

    Sostna li f'Lulju 2010 Nikki Dimech kien silfu l-ammont ta' €500 u f'Novembru 2010 kien silfu €850 oħra. Qabel il-Milied tal-2010 kien silfu €400. Il-ftehim kien li huwa jħallsu meta jitħallas mill-Kunsill Lokali Sliema.

    Sostna li huwa għadda c-cheque li kien irċieva mill-Kunsill Lokali Sliema fl-ammont ta' €1115.10c datat 21 ta' April 2010 lil Nikki Dimech għaliex huwa kellu jagħtih xi ħaġa mill-flus li kien silfu u kien tah id-differenza b'ċekk tal-APS.

22. **Stqarrija tal-imputat Raymond Cachia tat-12 ta' Jannar 2011** fejn fiha sostna li fl-istqarrija tal-11 ta' Jannar 2011 huwa ma kienx qal il-verità b'mod partikolari rigward iċ-ċekk li kien irċieva mill-Kunsill Lokali Sliema fl-ammont ta' €1115.10c datat 21 ta' April 2010.

    Huwa sostna li wara li ġabar iċ-ċekk huwa kien iffirmah fuq wara u għaddih lis-Sindku ta' tas-Sliema Nikki Dimech. Huwa sostna li għamel hekk għaliex huwa kien spiċċa bla xogħol.

Kien jaf li tas-sanita' kienu ilhom żmien jirrapurtaw dwar dar antika ħdejn Joinwell f'Tas-Sliema li wara li waqgħalha s-saqaf spiċċat miżbla. Il-Kunsill ta' tas-Sliema ma kienx ħa azzjoni u xi ħadd irraporta lill-Partit Nazzjonalista dwar dan. Huwa jaf li mill-Partit Nazzjonalista kienu ssuġġerew lis-Sindku Nikki Dimech li dan ix-xogħol jagħmlu hu u dan minħabba li dak iż-żmien ftit li xejn kellu xogħol.

Dan ix-xogħol kien stmah Lm1500. Minħabba li direct order tingħata sa massimu ta' Lm500, huwa qasam dan ix-xogħol fi tlett stimi.

Jaf li dawn l-istimi ġew diskussa mill-Kunsill Lokali Sliema u għal ħabta ta' Novembru 2009 ingħata dan ix-xogħol. Huwa kien ġej u sejjer il-Kunsill Lokali Sliema **u meta beda dan ix-xogħol,** Nikki Dimech talbu sabiex l-ewwel ċekk li jinħariġlu fuq dan ix-xogħol kellu jgħaddih lilu bħala ringrazzjament talli għaddilu dan ix-xogħol. Raymond Cachia aċċetta li jagħtih l-ewwel ċekk.

Huwa kien fadallu jieħu l-kumplament tal-ħlas u għalhekk għal dan ix-xogħol huwa ma daħħal xejn. Huwa ikkonferma pero li Nikki Dimech verament kien silfu xi flus bla imgħax u kien għadu ma tah xejn minnhom.

Huwa sostna li ddispjaċih ta' dak li għamel.

23. **Stqarrija ta' Raymond Cachia tas-19 ta' Jannar 2011** fejn fiha sostna li huwa kunsillier fil-Kunsill Lokali ta' San Ġiljan u jaħdem fil-kostruzzjoni. Sostna li huwa jaf lil Patrick Pace u li għandu n-numru tat-telephone ċellulari tiegħu li huwa 79230284. Ikkonferma li għandu Peugeot 106 u sostna li min-number plate tagħha kulma jaf huma n-numru li huwa 794. Sostna li Joevin Hall huwa ħabib tiegħu.

Mistoqsi jekk huwiex veru li fit-3 ta' Novembru 2010, waqt li Patrick Pace kien dieħel għal laqgħa tal-Kunsill Sliema huwa waqfu u irrikattah li jekk kien se jidħol għal dik il-laqgħa, Nikki Dimech kien se jimmalafamah man-nies li kien għaddielu xi ċekkijiet bħala commissions, l-imputat Raymond Cachia sostna li lil Patrick Pace huwa kien informah li Nikki kien qallu biex ma jidħolx għal laqgħa għax kien hemm xi ċekkijiet u dwar dan ma kienx se jegħreq waħdu u kien se jxandru ma kulħadd fuq iċ-ċekkijiet.

Sostna li l-għan ta' Nikki Dimech kien li għal dik il-laqgħa tal-Kunsill Sliema tat-3 ta' Novembru 2010 ma jkunx hemm quorum u ma ssirx, iżda l-laqgħa xorta waħda saret.

Illi in sostenn tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat, id-Difiża filwaqt li għamlet diversi kontro-eżamijiet lix-xhieda mressqa mill-prosekuzzjoni ressqet is-segwenti xhieda u provi:

1. **L-Imputat Raymond Cachia** xehed kif qabel l-2010 huwa kien diġà ilu jaħdem mal-Kunsill Lokali Sliema għal xi erba' jew ħames snin permezz ta' tender fejn huwa kien jagħmel il-maintenance kollu li kien ikun hemm bżonn u li kien jinvolvi xogħol żgħir. Xogħol kbir huwa ma kienx jaħdem.

   Fuq dan l-inċident, ix-xhud isostni li kien ċempillu Daniel Micallef skrivan li kien jaħdem mal-Kunsill Lokali Sliema u talbu biex jagħmel biċċa xogħol għaliex il-Kunsill Lokali kien qed ikollu ħafna complaints. Ix-xhud sostna li huwa mar jara x-xogħol. Dan ix-xogħol kellu jsir ġo dar ma tintużax li kellha l-bibien u t-twieqi miftuħin u kulħadd kien qiegħed jarmi ġo fiha fosthom anke annimali mejta. Saħansitra kienu anke marru tas-sanita'.

   Ix-xhud sostna li huwa ma kienx jaf ta' min kienet dik id-dar. Uffiċjali tal-Kunsill Lokali kienu sostnew miegħu li huma ma jafux ta' min hi dik id-dar u għalhekk ix-xogħol kien se jsir minnhom. Ix-xogħol kien jikkonsisti fit-tindif tad-drenaġġ, titnaddaf id-dar u jingħalqu kemm it-twieqi u anke l-bibien. Id-dar kienet fi stat diżastruz.

   Ix-xhud kien għadda il-kwotazzjoni lil Daniel Micallef li l-ammont tagħha kien ta' ftit aktar minn tlett elef euros u l-Kunsill Lokali kien aċċetta li jsir ix-xogħol li kien ta' natura urġenti bil-prezz indikat fil-kwotazzjoni. Meta tlesta x-xogħol huwa kien se jitħallas fi tlett pagamenti u dan minħabba l-fatt li x-xogħol ingħata b'direct order. F'direct order pagament ma jistax jaqbez il-ħames mija Maltin.

   Huwa kien għadda tlett quotations lill Kunsill Lokali Sliema. Quotation kienet fuq drainage, oħra kienet fuq tindif u oħra kienet fuq għeluq ta' twieqi u bibien. Globalment dawn il-quotations kienu jammontaw għal tlett elef euros.

Ix-xhud jinsisti li huwa qatt ma kellem jew avviċina lil xi ħadd biex jingħata dan ix-xogħol. Kienu Daniel Micallef u Anthea Borg mill-Kunsill Lokali Sliema li ċemplulu biex huwa jaħdem dan ix-xogħol.

Darba minnhom kien talab lil Richard Hall biex jisilfu tlett mija u l-istess Richard Hall kien bagħtu għand Nicholas Dimech sabiex jagħtih tlett mija li kellhom joħorġu mill-Kumpanija li Hall u Dimech kellhom bejniethom.

Għalhekk meta irċieva l-ewwel pagament (cheque esebit a fol 43 tal-proċess) huwa kien informa lil Richard Hall li kien qabad cheque li kien se jmur isarraf sabiex ikun jista anke jrodd dawn it-tlett mitt ewro lura. Richard Hall dakinhar kien informa lill-imputat sabiex iċ-ċekk jagħtih lill-Dimech, u Dimech jagħtih il-kumplament. Għalhekk l-imputat kien għadda iċ-ċekk lil Dimech u Dimech kien għamillu cheque ta' tmien mija u ħmistax il-ewro (esebit a fol 549 fil-proċess). L-imputat kien sarraf dan iċ-ċekk l-APS.

Ix-xhud sostna li darba minnhom kien is-Sibt filgħodu u kien ċempillu missier Nikki Dimech fejn talbu sabiex imur jirranġalu l-geyser għax ma kienx qiegħed isaħħan. Kienu marru d-dar ta' missieru l-imputat u Richard Hall. Dakinhar lil missier Nikki Dimech kienu bidlulu l-geyser għax kien marlu. Ta' dan ix-xogħol huma kienu tħallsu ħamsin euro kull wieħed permezz ta' cheque kull wieħed. (Ċekkijiet esebiti a fol 556 u 565 tal-proċess rispettivament).

Ix-xhud sostna li kemm dam Sindku Nikki Dimech huwa ħadem din il-biċċa tax-xogħol biss u qatt ma ta' flus lil ħadd. Taż-żewġ invoices l-oħra huwa baqa qatt ma tħallas.

In kontro-eżami l-imputat sostna li huwa kien jaħdem self employed construction. Huwa kien jagħmel dan ix-xogħol qabel ma kien Kunsillier fil-Kunsill ta' San Ġwann. Wara kien waqaf għax ma reġax applika għat-tender minħabba li kienu applikaw tlett kuntratturi kbar li huwa qatt ma seta' jikkompeti magħhom.

Ix-xhud insista li f'dik id-dar huwa ħadem tlett xogħlijiet differenti u cjoe xogħol tad-darinage, xogħol ta' tindif u anke xogħol ta' twieqi u bibien.

Ix-xhud sostna li meta huwa kien ċempel lil Patrick Pace biex jiltaqa miegħu, huwa kien flimkien ma Joven Hall u kienu sejrin jixtru xi mediċini. X'ħin waslu Dingli Street, iltaqgħu ma Nikki Dimech u infurmahom li kienet waqgħetlu l-batterija tal-mobile u kellu bżonn iċempel lil Patrick Pace.

Għalhekk Dimech kien ta lill-imputat in-numru ta' Pace u talbu biex iċempel lill-istess Pace. L-imputat hekk għamel u informah li Dimech ried ikellmu. X'ħin wasal Pace, l-imputat u Hall kienu barra l-karozza fejn marru jixtru l-mediċina u Pace u Dimech daħlu fil-karozza jitkellmu. Xħin Hall u l-imputat waslu lura ħdejn il-karozza, sabu li Dimech u Pace kienu telqu.

Darba minnhom rah Patrick Pace u talbu sabiex jagħmillu pjaċir u meta jara lil Dimech jinfurmah li huwa xtaq ikellmu għax ma kienx qiegħed jaqbdu fuq il-mobile. Meta l-imputat kien ra lil Dimech u informah li Pace xtaq ikellmu, Dimech talab lill-imputat biex jinforma lill-istess Pace li jekk Dimech kien se jegħreq, Pace kien se jegħreq miegħu. L-imputat kien għadda dak il-messaġġ lill-Pace. Minn dakinhar l-imputat ma kellmux aktar lil Pace.

2. **Richard Hall** xehed li huwa ħabib tal-imputat. Sostna li kien hemm drabi li l-imputat kien talbu sabiex jisilfu xi ħaġa tal-flus b'mod partikolari meta kien idum biex jitħallas.

   Ix-xhud xehed kif huwa kien bi sħab ma Nikki Dimech u kienu anke se jifforma Kumpanija bl-isem ta' RNC Cartons u f'dak il-perjodu l-imputat kien talbu sabiex jisilfu tlett mitt euro. Ix-xhud kien bagħat lill-imputat għand Nikki Dimech sabiex jagħtih dawn it-tlett mitt euro.

   Eventwalment l-imputat kien mar biex iħalsu lura dawn it-tlett mitt ewro b'ċekk li l-valur tiegħu kien ta' aktar minn tlett mitt ewro u x-xhud talbu biex imur għand Nikki ladarba kien Nikki li kien tah dawn it-tlett mitt ewro. Ix-xhud sostna li huwa kien ċempel lil Nikki u Nikki informah li l-imputat kien mar iħallsu.

## B. <u>Kunsiderazzjoni dwar ħtija o meno</u>

### 1. Konsiderazzjonijiet Legali fir-rigward tal-Livell ta' Prova Rikjesta

Illi huwa l-oneru tal-prosekuzzjoni li tressaq l-aħjar provi sabiex tikkonvinċi lill-Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputat huma veri.

Huwa prinċipju bażiku pprattikat mill-Qrati tagħna fil-proċediment kriminali li biex l-imputat jiġi ddikjarat ħati, l-imputazzjonijiet dedotti għandhom jiġu ppruvati oltre kull dubju raġonevoli, cioé oltre kull dubju dettat mir-raġuni.

Hawnhekk il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Philip Zammit et** u tgħid pero' mhux kull l-iċken dubju huwa biżżejjed sabiex persuna akkużata tiġi ddikjarata liberata. Hemm bżonn li "dubju jkun dak dettat mir-raġuni".

Fil-fatt fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Diċembru 1997 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Peter Ebejer**, dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilħaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jħalli ebda dubju dettat mir-raġuni u mhux xi grad ta' prova li ma jħalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistgħux jitqiesu bħala dubji dettati mir-raġuni. Fi kliem ieħor, dak li l-Ġudikant irid jasal għalih hu, li wara li jqis iċ-ċirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tiegħu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni.

Dik il-Qorti ċċitat l-ispjegazzjoni mogħtija minn **Lord Denning fil-każ Miller vs. Minister of Pension** - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni *"proof beyond a reasonable doubt":*

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice".*

2. **L-Ewwel Imputazzjoni:** *"talli fit-3 ta' Mejju 2010 jew fil-jiem u x-xhur ta' qabel, ikkorrompejt lil Nicholas sive Nikki Dimech, Sindku tal-Kunsill Lokali ta' Tas-Sliema"*

Illi fin-nota tiegħu tar-rinviju, l-Avukat Ġenerali jindika essenzjalment żewġ disposiżżjonijiet tal-liġi li taħthom tista' tinstab ħtija ta' din l-imputazzjoni fil-konfront ta' l-imputat u cioe' l-artiklu 120 (1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta kif marbut ma' l-artikolu 115 (1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta liema artikolu jitratta l-korruzzjoni.

Fl-artikolu 115 (1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jingħad is-segwenti:

> *"Kull uffiċjal jew impjegat pubbliku li, in konnessjonimal-kariga jew impieg tiegħu, jitlob, jirċievi jew jaċċetta għalihjew għal ħaddieħor xi rigal jew wegħda jew offerta ta' xi rigal fiflus jew f'utli ieħor, jew ta' xi vantaġġ ieħor, li għalihom huwa majkollux jedd, jeħel, meta jinsab ħati –*
>
> *(a) jekk l-iskop tal-ħlas, tal-wegħda jew tal-offerta, ikunsabiex l-uffiċjal jew impjegat jagħmel dak li hu fid-dmir tiegħu li jagħmel, il-piena ta' priġunerija minnsitt xhur sa tliet snin;"*

Fl-Artikolu 120 (1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jingħad is-segwenti:

> *Fil-każijiet imsemmija fl-artikoli 115, 116, 117 u 118,il-persuna li tikkorrompi uffiċjal jew impjegat pubbliku jewmembru tal-Kamra tad-Deputati jew persuna li dwarha japplika xiartikolu minn dawk imsemmija skont kull dispożizzjoni taħt dan il-Kodiċi jew taħt kull liġi oħra, skont il-każ, titqies li hija kompliċi.*

Rigwardanti l-elementi tar-reat kontemplat fl-artikolu 115 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, din il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Angelo Gafa) vs Saveria sive Saverin Sinagra** deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fit-30 ta' Ġunju 2010, fejn ġie kkunsidrat li:

> *"Illi minn ezami ta'l-artikolu 115 tal-Kodici Kriminali li jikkontempla r-reat ta' korruzzjoni jirrizulta illi l-elementi bazici li jridu jigu ippruvati huma essenzjalment erba' u cioe:*

*1. in-natura ufficjali jew pubblika ta'l-impieg tal-persuna ikkoncernata.*

*2. li dik il-persuna irceviet jew accettat flus, jew xi rigal, jew weghda jew offerta u dawn ma ikunux dovuti skond il- ligi.*

*3. li dana jkun in konnessjoni ma'l-istess kariga jew impieg.*

*4. li l-iskop ikun illi l-persuna taghmel jew ma taghmilx id-dmir tieghu/taghha."*

Illi **Fil-Pulizija vs Nicholas Dimech** deċiża mill-Qorti tal-Appell tal-Qorti Kriminali deċiża fit-23 ta' Lulju 2019 ingħad is-segwenti:

*"Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur Angelo Farrugia) vs Joseph Buhagiar, Joseph Muscat, Pacifico Sammut, Charles Vella, Vince Magro, George Vassallo u Carmelo Mifsud'** il-Qorti f'dik is-sentenza appellata kienet ikkunsidrat li:*

*'l-imputazzjoni principali dedotta kotnra l-imputati kollha hija dik mahsuba fl-Artikolu 114 u 118 tal-Kodici Kriminali cioe' dik ta' korruzzjoni ta' ufficjal jew impjegat pubbliku. Illi dan ir-reat ghandu erba elementi essenzjali u cioe':*

*1. Illi l-hati irid ikun ufficjal jew impjegat pubbliku.*
*2. L-accettazzjoni ta' rigal jew weghda jew offerta ta' xi rigal li ghalihom ma jkunx hemm jedd.*
*3. Ghall-fini li l-impjegat jew ufficjal jaghmel jew biex ma jaghmilx dak li hu fid-dmir tieghu li jaghmel.*
*4. L-azzjoni ta' l-ufficjal jew impjegat pubbliku trid tkun in konnessjoni mal-kariga jew impjieg tieghu.'*

*Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija vs Lawrence sive Lorry Cuschieri Andrew Schembri, Carmel sive Charles Gauci, Paul Gauci'** il-Qorti f'dik is-sentenza appellata skont ma jirrizulta mis-sentenza, ikkunsidrat li:*

*'Mill-premess jirrizulta illi sabiex jimmatura r-reat odjern ossija sabiex tikkonfigura l-komplicita' f'dan ir-reat, iridu jikkonkorru s-segwenti fattur:*

*1) li ufficjal jew impjejegat pubbliku,*
*2) jircievi jew jaccetta xi utilita' jew vantagg,*
*3) in konnessjoni mal-kariga jew impjieg tieghu,*
*4) u li ghalih ma jkollux jedd.'*

*Kif tajjeb issottometta l-Avukat Generali fl-appell tiegħu permezz tal-Att numru III tas-sena 2002 il-kliem "jirċievi jew jaċċetta" kienu ġew sostitwiti bil-kliem "jitlob, jirċievi jew jaċċetta". Għalhekk din il-Qorti sejra tqis ukoll sentenzi aktar riċenti.*

*Fis-sentenza fl-ismijiet* ***'Il-Pulizija [Spettur Jonathan Ferris] vs Thomas John Woods'*** *gie kkunsidrat li:*

*'Fi kliem* ***il-Professur Mamo*** *(Notes on Criminal Law (revised edition 1954-55 Professor A.J. Mamo, pagna 84):*

***"this crime subsists at any rate in it simple form, irrespective of the inherent justice or injustice of the act which the reward was intended to induce the public officer to do. The Justice or injustice of what the public officer does or engages to do in view of the reward or promise or offer or reward, is not an essential ingredient of the crime but only serves as a criterion to distinguish one form of the crime from another for the purpose of punishment."***

*Din id-distinzjoni harget fis-sentenza fl-ismijiet* ***il-Pulizija vs Lawrence sive Lorry Cuschieri, Andrew Schembri, Carmel sive Charles Gauci u Paul Galea*** *(Qorti ta l-Appell Kriminali; 25 ta' Lulju 1986) fejn inghad is-segwenti:*

***"In propositu huwa rilevanti hafna l-Artikolu 114 (illum 115) stante li dan jistabilixxi diversi gradi ta' piena bazata fuq kriterji relattivi ghall-iskop u l-effetti tal-att kostitwenti l-korruzzjoni, fis-sens li l- ligi tiddistingwi principlament bejn il-kaz fejn l-iskop tar-rigal ikun sabiex l-ufficcjal jaghmel dak li hu fid-dmir tieghu li jaghmel; u l- kaz fejn l-iskop ikun sabiex ma jaghmilx dak li hu fid-dmiru – fit- tieni kaz, jekk l-ufficjal 'fil-fatt' jonqos li jaghmel dak li kien fid-dmir li jaghmel."***

*Fil-kaz appena citat, il-Qorti riteniet li:*

***".... u huwa immaterjali - ghal finijiiet tar-responsabilita' li nonostante dan il-vantagg l-impjegat xorta wahda ghamel dmiru. Ghax ir-reat odjern almenu fil-limiti tal-paragrafu (b) tal-Artikolu 114 (illum 115(b)) huwa kkonsmat mal-accettazzjoni tal-offerta u mhux mal-effett ta' din fuq l-ezercizzju tal-funzjonijiet tal-impjegat."***

*Fil-fatt id-diskussjoni dwar il-piena ghar-reat ta' korruzzjoni tista' tigi sommata fi kliem tas-sentenza kif moghtija mill-istess Qorti:-*

***"L-iskop u effikacja tal-korruzzjoni huma fatturi rilevanti ghal quantum tal-piena, u mhux ghall-ezistenza o meno tar- responsabilita' kriminali. Il-ligi hija cara; 'kul ufficcjal.... li jircievi jew jaccetta jikkommetti dan ir-reat."***

*L-elementi huma deskritti f'diversi sentenzi fosthom fis-sentenza il-Pulizija vs Joseph Buhagiar et. fejn gew deskritti bis-segwenti manjiera:*

*1. Illi l-hati jrid ikun ufficcjal jew impjegat pubbliku;*
*2. L-accettazzjoni ta' rigal jew weghda jew offerta' ta' xi rigal li ghalihom ma jkunx hemm jedd;*
*3. L-azzjoni ta' l-ufficcjal jew impjegat pubbliku li jaccetta r-rigal, weghda jew offerta trid tkun in konnessjoni mal-kariga jew impjieg tieghu;*
*4. Ghal fini li l-impjegat jew ufficjal jaghmel jew biex ma jaghmilx dak li hu fid- dmir tieghu li jaghmel. Illi dawn l-erba' elementi jridu jikkonkorru kollha fl-istess hin sabiex jista' jinghad li r-reat gie pruvat.'*

*Fis-sentenza fl-ismijiet* ***'Il-Pulizija Assistent Kummissarju Mario Spiteri] (Supretendent Simon Galea] vs Kenneth Sevasta'*** *dwar ir-raba' element tar-reat taht l-artikolu 115 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe" 'Ghal fini li l-impjegat jew ufficcjal jaghmel jew biex ma jaghmilx dak li hu fid-dmir tieghu li jaghmel' gie kkunsidrat ukoll li:*

*'Illi ghalhekk minnufih jigi rilevat li l-offerta jrid ikollha l-iskop li tinduci lill-ufficjal pubbliku li jaghmel haga li m'ghandux x'jaghmel. Fl-ewwel ipotesi, meta l- ufficcjal pubbliku jaghmel id-dover tieghu in kontro kambju ghal xi vantagg il- Professur Mamo jghid:*

***"..the law wants to protect the integrity of the public service and the prestige of the judiciary which are harmed in the esteem which they should enjoy by any imporper reward received even though it is not intended to injure materially the interests of the individual or the interest of Justice."***

*It-tieni ipotesi hija meta r-rigal jew kull haga li tinghata lill-ufficcjal pubbliku sabiex jehel milli jaghmel id-dover tieghu l-Professur Mamo jghid:*

***"that there is in addition to the injury to the good name of the service also the danger of actual injury to the right of the individuals or of justice and the law takes account of this for the purpose of aggravating the punishment."***

***Fis-sentenza fl-ismijiet 'Il-Pulizija v. Liliana Galea' gie kkunsidrat:***

***' Jinghad mill-ewwel illi l-appellanti hija korretta meta tghid illi taht is-sistema legali taghna bribery after the fact ma jezistix. U din il-kwistjoni ma gietx trattata mill-ewwel Qorti. Bhalma ntqal fis-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija v. David Gatt moghtija minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-11 ta' Novembru 2011, differentement mill- posizzjoni fil-ligi Taljana, taht il-ligi taghna "sakemm ma jkunx hemm ftehim qabel (enfasi tal-Qorti) il-kommissjoni ta' l-att ma jistax ikun hemm korruzzjoni ta' ufficjal pubbliku wara li dan ta' l-ahhar ikun qeda d-dover tieghu. Il-Professur Mamo jghallem li 'as Section 114(a) and (b) (illum 115(a) u (b)) are worked, it seems that there can be the crime of corruption only where the reward promised or offered is made to the public officer and accepted by him in respect of an act he has yet to do and not also for an act he may have already done."***

Għalhekk sabiex l-imputat Raymond Cachia jinstab ħati, l-Prosekuzzjoni kellha tipprova l-elementi bażiċi li jikkontempla ir-reat ta' korruzzjoni ta' l-artikolu 115 tal-Kodiċi Kriminali u ċjoe:

1. in-natura uffiċjali jew pubblika ta' l-impjieg tal-persuna ikkonċernata.
2. li dik il-persuna irċeviet jew aċċettat flus, jew xi rigal, jew wegħda jew offerta u dawn ma jkunux dovuti skond il-liġi.
3. li dana jkun in konnessjoni ma' l-istess kariga jew impjieg.
4. li l-iskop ikun illi l-persuna tagħmel jew ma tagħmilx id-dmir tiegħu/tagħha.

Finalment il-Prosekuzzjoni kien meħtiġiela li tipprova wkoll illi jekk għaddew xi flus, il-ftehim li l-imputat kellu jgħaddi l-flus lil Nicholas Dimech sar propju qabel li l-imputat ingħata x-xogħol u mhux wara li ngħata x-xogħol u dan għaliex kif ingħad fis-sentenza fl-ismijiet **il-Pulizija vs Liliana Galea** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-28 ta' Marzu 2012 taħt is-sistema legali tagħna bribery after the fact ma jeżistix u sakemm ma jkunx hemm ftehim qabel il-kommissjoni ta' l-att ma jistax ikun hemm korruzzjoni ta' uffiċjal pubbliku wara li dan ta' l-aħħar ikun qegħda d-dover tiegħu.

*Il-Professur Mamo jghallem li 'as Section 114(a) and (b) (illum 115(a) u (b)) are worked, it seems that there can be the crime of corruption only where the reward promised or offered is made to the public officer and accepted by him in respect of an act he has yet to do and not also for an act he may have already done."*

L-Avukat Dottoressa Angele Vella xehdet li Nicholas Dimech ID card number 301779 (M) ġie elett kunsillier fl-elezzjoni tal-11 ta' Marzu 2006, reġa' ġie elett fl-elezzjoni tas-6 ta' Ġunju 2009 u ġie maħtur Sindku fl-ewwel laqgħa tal-kunsill li saret fis-6 ta' Lulju 2009. Serva bħala Sindku sat-2 ta' Settembru 2010 u sa dakinhar li xehdet u ċjoe l-11 ta' Novembru 2011 għadu kunsiller fil-Kunsill Lokali ta' Tas-Sliema.

L-Ispettur, illum il-Kummissarju tal-Pulizija Angelo Gafa' xehed illi waqt li kien għaddej b'investigazzjonijiet t'allegazzjonijiet ta' korruzzjoni li fihom kien involut is-Sindku ta' Tas-Sliema Nicholas Dimech, f'Settembru u Ottubru 2010, irċieva żewġ ittri anonimi fejn dawn kienu jirrigwardjaw allegazzjonijiet ta' irregolaritajiet fl-istess Kunsill ta' Tas-Sliema. L-ewwel ittra tal-11 ta' Settembru 2011 kienet tagħmel referenza għal xi kuntratturi li kienu jissupplixxu servizzi lill-istess Kunsill Lokali. Fit-tieni ittra tat-13 ta' Ottubru kien hemm allegat li Nicholas Dimech kien qed iħallas commission lil kunsilliera Eve Galea Debono u Martin Pace permezz ta' cheque.

Il-pulizija għamlet investigazzjoni fuq il-kontijiet bankarji ta' Nicholas Dimech u fost iċ-ċekkijiet li ntraċċaw il-pulizija sabet wieħed li daħal fil-kont bankarju ta' Nicholas Dimech u ċjoe fil-kont bankarju bin-numru 006072193001 tal-HSBC Bank. Dan kien jirrigwarda ċekk bin-numru 11147 maħruġ minn kont bankarju tal-BOV bin-numru 14809369022 li l-account kien jgħajjat lil Kunsill Lokali ta' Tas-Sliema. Dan iċ-ċekk kien inħareġ lil Raymond Cachia għal xogħol li kien għamel ta' tiswija ta' drenaġġ fil-fond 21, High Street, Sliema u spiċċa fil-kont bankarju tas-Sindku Nicholas Dimech.

Angelo Gafa kien arresta lill-imputat. Fl-ewwel stqarrija tiegħu l-imputat sostna li ċ-ċekk għaddih lis-Sur Dimech għal ammont ta' flus li kien silfu. Finalment l-imputat ammetta li ċ-ċekk kien għaddih lis-Sur Dimech bħala commission wara li dan talab dan it-tip ta' ħlas.

L-imputat stqarr max-xhud li kien hemm bzonn li jsir xi xogħol f'dar abbandunata u minħabba li l-ammont tax-xogħol kien Lm1,500 u direct orders mill-Kunsilli Lokali ma jistgħux jeċċedu l-Lm500. Ix-xogħol kien inqasam fi tlett quotations fejn waħda kienet għat-tneħħija taż-żibel, l-oħra kienet għal għeluq tal-aperturi u xi tikħil u l-oħra kienet għat-tiswija tad-drenaġġ u huwa ngħata dan ix-xogħol fl-aħħar tas-sena 2009.

L-imputat stqarr ma Angelo Gafa li s-Sindku Nicholas Dimech kien talbu sabiex l-ewwel ħlas kellu jgħaddih lilu bħala apprezzament talli għaddilu x-xogħol. L-imputat stqarr max-xhud li huwa għadda l-pagament lis-Sindku għaliex li kieku ma għamilx hekk huwa kien se jispiċċa mingħajr impjieg. Eventwalment fl-istqarrija tiegħu tal-11 ta' Jannar 2011 l-imputat Raymond sostna li huwa jaħdem fil-construction u kellu Tender mal-Kunsill Lokali Sliema fi żmien Robert Arrigo u Marina Arrigo.

Ikkonferma li bejn April 2009 u Marzu 2010 għamel xi xogħol ta' tiswijiet ta' bankini, tneħħija ta' debris, tindif f'post fi Triq il-Kbira u tiswija ta' drainage fl-istess post mill-Kunsill Lokali Sliema. Huwa kkonferma li għal dan ix-xogħol kien fadallu jieħu l-ammont ta' €1091.50c

Stqarr li lil Nikki Dimech jafu għax kien ikun ma Robert Arrigo. Kien ilu jafu xi sentejn u nofs u anke għenu fil-kampanja tal-Kunsill Lokali. Sostna li Nikki Dimech qatt ma talbu flus. Sostna wkoll li huwa qatt ma ta flus lil Nikki Dimech.

Sostna li f'Lulju 2010 Nikki Dimech kien silfu l-ammont ta' €500 u f'Novembru 2010 kien silfu €850 oħra. Qabel il-Milied tal-2010 kien silfu €400. Il-ftehim kien li huwa jħallsu meta jitħallas mill-Kunsill Lokali Sliema. Sostna li huwa għadda c-cheque li kien irċieva mill-Kunsill Lokali Sliema fl-ammont ta' €1115.10c datat 21 ta' April 2010 lil Nikki Dimech għaliex huwa kellu jagħtih xi ħaġa mill-flus li kien silfu u kien tah id-differenza b'ċekk tal-APS.

Fl-istqarrija tiegħu tat-12 ta' Jannar 2011 l-imputat Raymond Cachia sostna li fl-istqarrija tal-11 ta' Jannar 2011 huwa ma kienx qal il-verita b'mod partikolari rigward iċ-ċekk li kien irċieva mill-Kunsill Lokali Sliema fl-ammont ta' €1115.10c datat 21 ta' April 2010. Huwa sostna li wara li ġabar iċ-ċekk huwa kien iffirmah fuq wara u għaddih lis-Sindku ta' tas-Sliema Nikki Dimech. Huwa sostna li għamel hekk għaliex huwa kien spiċċa bla xogħol.

Kien jaf li tas-sanita' kienu ilhom żmien jirrapurtaw dwar dar antika ħdejn Joinwell f'Tas-Sliema li wara li waqagħla s-saqaf spiċċat miżbla. Il-Kunsill ta' tas-Sliema ma kienx ħa azzjoni u xi ħadd irraporta lill-Partit Nazzjonalista dwar dan. Huwa jaf li mill-Partit Nazzjonalista kienu ssuġġerew lis-Sindku Nikki Dimech li dan ix-xogħol jagħmlu hu u

dan minħabba li dak iż-żmien ftit li xejn kellu xogħol. Dan ix-xogħol kien stmah Lm1500. Minħabba li direct order tingħata sa massimu ta' Lm500, huwa qasam dan ix-xogħol fi tlett stimi.

Jaf li dawn l-istimi ġew diskussa mill-Kunsill Lokali Sliema u għal ħabta ta' Novembru 2009 ingħata dan ix-xogħol. Huwa kien ġej u sejjer il-Kunsill Lokali Sliema **u meta beda dan ix-xogħol,** Nikki Dimech talbu sabiex l-ewwel ċekk li jinħariġlu fuq dan ix-xogħol kellu jgħaddih lilu bħala ringrazzjament talli għaddilu dan ix-xogħol. Raymond Cachia aċċetta li jagħtih l-ewwel ċekk.

Huwa kien fadallu jieħu l-kumplament tal-ħlas u għalhekk għal dan ix-xogħol huwa ma daħħal xejn. Huwa ikkonferma pero li Nikki Dimech verament kien silfu xi flus bla imgħax u kien għadu ma tah xejn minnhom.

L-Imputat Raymond Cachia għażel li jixhed f'dawn il-proċeudri. Huwa sostna kif qabel l-2010 huwa kien diġà ilu jaħdem mal-Kunsill Lokali Sliema għal xi erba' jew ħames snin permezz ta' tender fejn huwa kien jagħmel il-maintenance kollu li kien ikun hemm bżonn u li kien jinvolvi xogħol żgħir. Xogħol kbir huwa ma kienx jaħdem.

Fuq dan l-inċident, l-imputat isostni li kien ċempillu Daniel Micallef skrivan li kien jaħdem mal-Kunsill Lokali Sliema u talbu biex jagħmel biċċa xogħol għaliex il-Kunsill Lokali kien qed ikollu ħafna complaints.

Ix-xhud sostna li huwa mar jara x-xogħol. Dan ix-xogħol kellu jsir ġo dar ma tintużax li kellha l-bibien u t-twieqi miftuħin u kulħadd kien qiegħed jarmi ġo fiha fosthom anke annimali mejta. Saħansitra kienu anke marru tas-sanita'.

Ix-xhud sostna li huwa ma kienx jaf ta' min kienet dik id-dar. Uffiċjali tal-Kunsill Lokali kienu sostnew miegħu li huma ma jafux ta' min hi dik id-dar u għalhekk ix-xogħol kien se jsir minnhom.

Ix-xogħol kien jikkonsisti fit-tindif tad-drenaġġ, titnaddaf id-dar u jingħalqu kemm it-twieqi u anke l-bibien. Id-dar kienet fi stat diżastruz.

Ix-xhud kien għadda il-kwotazzjoni lil Daniel Micallef li l-ammont tagħha kien ta' ftit aktar minn tlett elef euros u l-Kunsill Lokali kien aċċetta li jsir ix-xogħol li kien ta' natura urġenti bil-prezz indikat fil-kwotazzjoni.

Meta tlesta x-xogħol huwa kien se jitħallas fi tlett pagamenti u dan minħabba l-fatt li x-xogħol ingħata b'direct order. F'direct order pagament ma jistax jaqbeż il-ħames mija Maltin.

Huwa kien għadda tlett quotations lill Kunsill Lokali Sliema. Quotation kienet fuq drainage, oħra kienet fuq tindif u oħra kienet fuq għeluq ta' twieqi u bibien. Globalment dawn il-quotations kienu jammontaw għal tlett elef euros.

Ix-xhud jinsisti li huwa qatt ma kellem jew avviċina lil xi ħadd biex jingħata dan ix-xogħol. Kienu Daniel Micallef u Anthea Borg mill-Kunsill Lokali Sliema li ċemplulu biex huwa jaħdem dan ix-xogħol.

Darba minnhom kien talab lil Richard Hall biex jisilfu tlett mija u l-istess Richard Hall kien bagħtu għand Nicholas Dimech sabiex jagħtih tlett mija li kellhom joħorġu mill-Kumpanija li Hall u Dimech kellhom bejniethom.

Għalhekk meta tħallas l-ewwel pagament (cheque esebit a fol 43 tal-proċess) huwa kien informa lil Richard Hall li kien qabad cheque li kien se jmur isarraf sabiex ikun jista anke jrodd dawn it-tlett mitt ewro lura. Richard Hall dakinhar kien informa lill-imputat sabiex ic-cheque jagħtih li Dimech u Dimech jagħtih il-kumplament.

Għalhekk l-imputat kien għadda iċ-ċekk lil Dimech u Dimech kien għamillu cheque ta' tmien mija u ħmistax il-ewro (esebit a fol 549 fil-proċess). L-imputat kien sarraf dan ic-cheque l-APS.

Ix-xhud sostna li darba minnhom kien is-Sibt filgħodu u kien ċempillu missier Nikki Dimech fejn talbu sabiex imur jirranġalu l-geyser għax ma kienx qiegħed isaħħan. Kienu marru d-dar ta' missieru l-imputat u Richard Hall. Dakinhar lil missier Nikki Dimech kienu bidlulu l-geyser għax kien marlu. Ta' dan ix-xogħol huma kienu tħallsu ħamsin

euro kull wieħed permezz ta' cheque kull wieħed. (Ċekkijiet esebiti a fol 556 u 565 tal-proċess rispettivament).

Ix-xhud sostna li kemm dam Sindku Nikki Dimech huwa ħadem din il-biċċa tax-xogħol biss u qatt ma ta' flus lil ħadd. Taż-żewġ invoices l-oħra huwa baqa qatt ma tħallas.

Richard Hall xehed li huwa ħabib tal-imputat. Sostna li kien hemm drabi li l-imputat kien talbu sabiex jisilfu xi ħaġa tal-flus b'mod partikolari meta kien idum biex jitħallas.

Richard Hall xehed kif huwa kien bi sħab ma Nikki Dimech u kienu anke se jifforma Kumpanija bl-isem ta' RNC Cartons u f'dak il-perjodu l-imputat kien talbu sabiex jisilfu tlett mitt euro. Ix-xhud kien bagħat lill-imputat għand Nikki Dimech sabiex jagħtih dawn it-tlett mitt euro.

Eventwalment l-imputat kien mar biex iħallsu dawn it-tlett mitt ewro b'ċekk li l-valur tiegħu kien ta' aktar minn tlett mitt ewro u x-xhud talbu biex imur għand Nikki ladarba kien Nikki li kien tah dawn it-tlett mitt ewro. Ix-xhud sostna li huwa kien ċempel lil Nikki u Nikki infurmah li l-imputat kien mar iħallsu.

**Il-Qorti tiddikjara li mill-verżjonijiet kollha li ta' l-imputat, il-Qorti temmen li l-verita' tinsab fl-istqarrija rilaxxata minnu fit-12 ta' Jannar 2011.** Illi issa l-Qorti se tgħaddi sabiex tistabbilixxi jekk il-Prosekukazzjoni ppruvatx il-każ tagħha sal-grad rikjest mill-liġi sabiex l-imputat Raymonnd Cachia jinstab ħati ta' din l-imputazzjoni.

Sabiex l-imputat Raymond Cachia jinstab ħati l-Prosekuzzjoni kellha tipprova l-elementi bażiċi li jikkontempla ir-reat ta' korruzzjoni taħt l-artikolu 115 tal-Kodiċi Kriminali u cjoe:

1. **In-natura uffiċjali jew pubblika ta' l-impjieg tal-persuna ikkonċernata.**

L-ewwel element li jsawwar ir-reat huwa in-natura uffiċjali jew pubblika tal-impjieg tal-persuna ikkonċernata. Illi ma hemmx dubju u lanqas ma huwa kkontestat li Nicholas Dimech kien jokkupa l-kariga ta' Sindku tal-Kunsill Lokali ta' Tas-Sliema meta seħħ dak allegat.

L-artikolu 92 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jaqra:

> *'Taħt il-frażi ġenerali "uffiċjal pubbliku" jidħlu mhux biss l-awtoritajiet kostitwiti, ċivili u militari, iżda wkoll dawk il-persuni kollha li huma maħtura skont il-liġi sabiex jamministraw xi parti tas-setgħa esekuttiva tal-Gvern, jew biex jesegwixxu xi dmir ieħor pubbliku impost mil-liġi, sew ġudizzjarju kemm amministrattiv kif ukoll tax-xorta l-waħda u l-oħra.'*

Għalhekk ma hemmx dubju li Nicholas Dimech kien uffiċjal pubbliku meta kien qiegħed jokkupa l-kariga ta' Sindku tal-Kunsill Lokali ta' Sliema;

2. **Li dik il-persuna irċeviet jew aċċettat flus, jew xi rigal, jew wegħda jew offerta u dawn ma jkunux dovuti skond il- liġi.**

It-tieni element huwa li f'dan il-każ Nicholas Dimech jrid ikun talab, irċieva jew aċċetta għalih jew għal ħaddieħor rigal, wegħda jew offerta ta' xi rigal fi flus jew f'utli ieħor, jew ta' xi vantaġġ ieħor li għalihom huwa ma jkollux jedd.

Fl-istqarrija tiegħu tat-12 ta' Jannar 2011 l-imputat Raymond Cachia sostna li wara li ġabar iċ-ċekk huwa kien iffirmah fuq wara u għaddih lis-Sindku ta' tas-Sliema Nikki Dimech. Huwa sostna li għamel hekk għaliex huwa kien spiċċa bla xogħol.

Kien jaf li tas-sanita' kienu ilhom żmien jirrapurtaw dwar dar antika ħdejn Joinwell f'Tas-Sliema li wara li waqgħa s-saqaf spiċċat miżbla. Il-Kunsill ta' tas-Sliema ma kienx ħa azzjoni u xi ħadd irraporta lill-Partit Nazzjonalista dwar dan. Huwa jaf li mill-Partit Nazzjonalista kienu ssuġġerew lis-Sindku Nikki Dimech li dan ix-xogħol jagħmlu hu u dan minħabba li dak iż-żmien ftit li xejn kellu xogħol.

Dan ix-xogħol kien stmah Lm1500. Minħabba li direct order tingħata sa massimu ta' Lm500, huwa qasam dan ix-xogħol fi tlett stimi.

**Jaf li dawn l-istimi ġew diskussa mill-Kunsill Lokali Sliema** u għal ħabta ta' Novembru 2009 ingħata dan ix-xogħol. Huwa kien ġej u sejjer il-Kunsill Lokali Sliema **u meta beda dan ix-xogħol,** Nikki Dimech talbu sabiex l-ewwel ċekk li jinħariġlu fuq

dan ix-xogħol kellu jgħaddih lilu bħala ringrazzjament talli għaddilu dan ix-xogħol. L-imputat aċċetta li jagħtih l-ewwel ċekk.

Illi għalhekk din il-Qorti tqis li ġie ppruvat li l-imputat għadda l-flus lil Nicholas Dimech.

3. **Li dana jkun in konnessjoni ma'l-istess kariga jew impieg;** u

4. **Li l-iskop ikun illi l-persuna taghmel jew ma taghmilx id-dmir tieghu/taghha.**

Illi fis-sentenza **l-Pulizija vs Nicholas Dimech** deċiża mill-Qorti tal-Appell tal-Qorti Kriminali deċiża fit-23 ta' Lulju 2019 ingħad is-segwenti:

> *"Element iehor ta' dan ir-reat ikkontemplat fl-artikolu 115 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta huwa li dak li jkun intalab ma jkollux jedd ghalih u li taht is-subartikolu (a) tal-artikolu 115 l-iskop tal-hlas, weghda jew offerta tkun li l-ufficjal jaghmel dak li hu fid-dmir li jaghmel."*
>
> *"Il-Prosekuzzjoni kellha tipprova ukoll li dak allegatament mitlub kien sabiex l-imputat jaghmel dak li hu fid-dmir tieghu li jaghmel"*
>
> *"Jirrizulta ukoll li il-fatt jekk it-tender jinghatax lil Stephen Buhagiar jew le* ***ma kienx jiddependi unikament fuq l-imputat****."*

Il-Qorti tal-Appell Kriminali kienet waslet għal konklużjoni li ladarba l-fatt jekk it-tender jingħatax lil Stephen Buhagiar jew le **ma kienx jiddependi unikament fuq l-imputat** konsegwentement il-Prosekuzzjoni ma pprovat l-elementi bażiċi li jikkontempla ir-reat ta' korruzzjoni ta' l-artikolu 115 tal-Kodiċi Kriminali.

L-fatti ta' dan il-każ huma identiċi għal fatti tal-każ **l-Pulizija vs Nicholas Dimech** deċiż mill-Qorti tal-Appell Kriminali, bid-differenza li x-xogħol ma ngħatax permezz ta' tender iżda permezz ta' direct order.

Mill-provi produċibbli jirriżulta li l-istimi provduti mill-imputat Raymond Cachia tax-xogħol **ġew diskussa mill-Kunsill Lokali Sliema** u għal ħabta ta' Novembru 2009 u eventwalment ingħata dan ix-xogħol. Għalhekk jirriżulta li d-deċiżjoni jekk id-direct order jingħatax lil imputat Raymond Cachia jew le, ma kienx jiddependi unikament fuq

is-Sindku Nicholas Dimech. Tant kemm ma kienx jiddependi unikament fuq is-Sindku Nicholas Dimech sabiex jiġi deċiż jekk ix-xogħol għandux jingħata lil imputat, illi fil-laqgħa tal-Kunsill Lokali Sliema tal-Erbgħa 2 ta' Marzu 2011 kien ġie diskuss dan ix-xogħol u anke il-pagament li kien għadu dovut lill-imputat Raymond Cachia, liema pagament l-imputat baqa' qatt ma tħallas.

Li kieku kien jiddependi biss mis-Sindku Nicholas Dimech sabiex l-imputat Raymond Cachia jingħata dan ix-xogħol, l-istess Sindku kien ikun jista japprova li jsir il-ħlas ta' dan l-istess xogħol waħdu.

Tajjeb li jingħad illi mill-provi produċibbli jirriżulta wkoll li kien propju **meta beda dan ix-xogħol,** li Nicholas Dimech talab lill-imputat Raymond Cachia sabiex l-ewwel ċekk li jinħariġlu fuq dan ix-xogħol kellu jgħaddih lilu bħala ringrazzjament talli għaddilu dan ix-xogħol **u mhux qabel ma Raymond Cachia ingħata dan ix-xogħol.**

Illi għalhekk jingħad li l-imputat Raymond Cachia ma seta' qatt jinstab ħati fuq din l-imputazzjoni għaliex kif ingħad fis-sentenza fl-ismijiet **il-Pulizija vs Liliana Galea** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-28 ta' Marzu 2012 taħt is-sistema legali tagħna bribery after the fact ma jeżistix u sakemm ma jkunx hemm ftehim qabel (enfasi tal-Qorti) il-kommissjoni ta' l-att ma jistax ikun hemm korruzzjoni ta' uffiċjal pubbliku wara li dan ta' l-aħħar ikun qeda d-dover tiegħu.

Il-Professur Mamo jgħallem li *"as Section 114(a) and (b) (illum 115(a) u (b)) are worked, it seems that there can be the crime of corruption only where the reward promised or offered is made to the public officer and accepted by him in respect of an act he has yet to do and not also for an act he may have already done."*

Illi għalhekk din il-Qorti ma hijiex ha ssib lill-imputat ħati ta' din l-imputazzjoni stante li ma ġietx ippruvata.

3. **It-Tieni Imputazzjoni:** *"Kif ukoll talli fit-3 ta' Novembru 2010 ġewwa Tas-Sliema, bil-ħsieb li testorċi flus f'xi ħaġa oħra, jew li tagħmel xi qligħ, jew bil-ħsieb li ġġiegħel lil persuni oħra tesegwixxi, tiddistruġġi, tqalleb, jew tagħmel testment jew obligazzjoni bil-miktub, titolu jew garanzija, jew tagħmel jew tonqos milli tagħmel xi ħaġa, heddidt li*

*tagħmel denunzja jew kwerela kontra. Jew li tagħmel malafama lil Patrick Pace, Kunsillier fil-Kunsill Lokali ta' Tas-Sliema, b'liema theddid wasalt fil-ħsieb tiegħek"*

Fin-nota tiegħu tar-rinviju, l-Avukat Ġenerali jindika essenzjalment l-artikolu 250(1) u l-artikolu 250(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta li taħthom tista' tinstab ħtija ta' din l-imputazzjoni fil-konfront ta' l-imputat.

Fl-artikolu 250(1) tal-Kodiċi Kriminali jingħad is-segwenti:

> *Kull min, bil-ħsieb li jestorċi flus jew xi ħaġ'oħra,jew li jagħmel xi qligħ, jew bil-ħsieb li jġiegħel lil persuna oħra tesegwixxi, tiddistruġġi, tqalleb, jew tbiddel testment jewobligazzjoni bil-miktub, titolu jew garanzija, jew tagħmel jewtonqos milli tagħmel xi ħaġa, ihedded li jagħmel denunzja jewkwerela kontra, jew li jagħti malafama lil, dik il-persuna jewpersuna oħra, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minnsena sa erba' snin.*

Fl-artikolu 250(2) tal-Kodiċi Kriminali jingħad is-segwenti:

> *Kemm-il darba b'dan it-theddid il-ħati jasal fil-ħsieb tiegħu, huwa jeħel il-piena ta' priġunerija minn tmintax-il xahar sa ħames snin.*

Fis-sentenza **l-Pulizija vs George Xuereb** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-20 ta' Frar 2020 ingħad li:

> *"Fis-sentenza fl-ismijiet* ***'Il-Pulizija (Spettur Joseph Mercieca Spettur Frank A. Tabone) Vs Ashraf Elbakry ta' 51 sena iben Mahmoud u Suhad nee' Alfadal, imwieled l-Egittu, nhar it-08 ta' Dicembru 1962, residenti fil-Facilita Korrettiva ta' Kordin u detentur tal-karta ta'l-identita' 20113(A)'*** *gie kkunsidrat:*
>
> *'Illi l-legislatur permezz tat-terminologija uzata sabiex issawwar dana ir-reat fassal l-elementi kostituttivi tieghu fejn ghamel distinzjoni bejn l-intenzjoni rikjesta fir-reat tal-estorsjoni ta' flus fejn allura l-malvivent qieghed jaghmel ir-rikatt tieghu ghal skopijiet ta' qliegh jew lucro u dak fejn allura l-intenzjoni tar-rikattatur huwa biex igieghel lill- vittma tieghu taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga.*

*Illi fil-kawza* ***il-Pulizija vs Edgar Apap*** *deciza it-13 ta' April 1957 il-Qorti kienet studjat funditus l-element tal-qliegh bhala bazi ghar-reat tar-rikatt meta qalet:*

*"Il-kelma 'qliegh' fil-materja tirreferixxi ghal xi haga li ghandha valur patrimonjali, u mhux kompriz is-sens ta' dik il-kelma kwalunkwe godiment jew pjacir, jew sodisfazzjon, anki mhux ta' valur patrimonjali. Jekk l-iskop ta'l-agent kien dak ta' sodisfazzjon personali biss sija pure riprovevoli, jonqos l-elment kostituttiv tar-rikatt."*

*Illi, madanakollu, dina d-disposizzjoni tal-ligi kienet giet emendata permezz ta'l-Att numru III tal-2002, fejn dahhlu fis-sehh diversi emendi ghal Kodici Kriminali taghna.*
*Illi bis-sahha ta'dina l-emenda l-legislatur ried jipprovdi sanzjoni ukoll fil-kazijiet fejn l-intenzjoni tar-rikattatur ma tkunx biss dik tal-qliegh finanzjarju jew ekonomiku jew ta' xi gwadann iehor personali. Illi fil-laqgha tal-Kumitat tal- Kamra tar-Rapprezentanti ghall-Abbozz tal-Ligi dwar dawn l-emendi l-Onor. Tonio Borg ighid hekk dwar l-iskop ta'l-emenda ghall-artikolu 250 in dizamina:*

*"Qabel ir-rikatt kien ikkonsidrat biss bħala att kriminali jekk kien iwassal għal gwadann ekonomiku, bdil jew distruzzjoni ta' provvediment kuntrattwali jew inkella ta' testment, pero` bl-emenda li qed nagħmlu r-rikatt se jkun ipprojbit kriminalment għal kwalunkwe skop u se jkun meqjus bħala att kriminali, anke jekk, per eżempju, ikun hemm theddida ta' inġurja jew ta' malafama fil-konfront ta' persuna."*

*Illi ghalhekk bl-emenda introdotta kull persuna li taghmel rikatt fil-konfront ta' persuna ohra u dana sabiex iggieghel lil dik il-persuna taghmel xi haga jew tonqos milli taghmel xi haga hija hatja ta' dana ir-reat.'*

*Fis-sentenza fl-ismijiet* ***'Il-Pulizija (Spettur Raymond Aquilina) (Spettur Fabian Fleri) vs Edgar Publius Bonnici Cachia'*** *gie kkunsidrat li:*

*'Illi mill-provi prodotti jirrizulta ampjament li l-imputat kellu skop specifiku: dak li jkun jaf ghalfejn Farrugia temmet ir-relazzjoni ta' bejniethom. Jirrizulta ukoll li huwa agixxa bil-mod kif agixxa fil-konfront ta' Farrugia biex jilhaq dan il-ghan.*

***Ill pero l-artikolu 250 fuq kwotat jirrikjedi ukoll li biex l-imputat jilhaq dak l- iskop irid ikun ghamel theddied fil-konfront tal-vittma, u li dan it-theddied ikun li jagħmel denunzja jew kwerela kontra, jew li jagħti malafama lil, dik il- persuna jew persuna oħra.***

*Illi mill-provi prodotti jirrizulta li dak li "hedded" bih l-imputat kien li ser jipprezenta ruhu quddiem it-Tribunal Ekklesjastiku biex jixhed fil-proceduri ta' annullament ta' Farrugia. Hu "hedded" ukoll li ser ikellem li xi persuni "influwenti" fit-Tribunal Ekklesjastiku u anke li ser iwassal biex Farrugia ma tiehux l-annullament. X'kien ser jghid l-imputat lil dawn in-nies, jew x'kien ser jixhed kieku gie accettat bhala xhud quddiem it-Tribunal Ekklesjastiku ma jirrizultax; ghalhekk ma jistax jinghad li huwa kien ser jaghmel xi malafama fil- konfront ta' Farrugia. Lanqas ma jirrizulta li l-imputat kien ser jaghmel xi denunzja jew kwerela kontra Farrugia.*

*Illi f'dawn ic-cirkostanzi huwa mankanti element essenzjali tar-reat in ezami li ghalhekk ma jistax jissustixxi.*

*Minn dak li jirrizulta mix-xhieda ta' Mario Axiaq ghalkemm l-appellant talbu LM2000 ghax qallu li wahda min-nisa kienet tqila u anke heddu li jaqtalu rasu,* ***minn imkien ma jirrizulta li heddu li jaghmel denunzja jew kwerela 'jew li jaghtiha malafama bhala hatja ta' reat jew ta' fatt li jtellef il-gieh"***

Illi l-Qorti sejra tanalizza x-xhieda mogħtija minn Patrick Pace f'dawn il-proċeduri.

**Patrick Pace** xehed li l-proċeduri kriminali fil-konfront tiegħu huma finalizzati u ħareġ liberat. Spjega li fis-sena 2009 kien Kunsillier tal-Kunsill Lokali Sliema u li Nikki Dimech kien Sindku. Il-Kunsill Lokali kien iffurmat minn Martin Debono, Yves Cali, Cyrus Engerer, Edward Cuschieri, Sandra Camilleri, Julian li iżda ma ftakarx kunjomha, Marianne li iżda ma ftakarx kunjomha u jista wkoll kien hemm ukoll bħala kunsillier Nikolai. Sostna li fil-bidu tal-leġislatura r-relazzjoni bejn il-kunsilliera kienet tajba iżda eventwalment il-Kunsill spiċċa biex ġie xolt. Il-Kunsilliera kienu jiltaqgħu darba fix-xahar u kienu jieħdu d-deċiżjonijiet li kien ikun hemm bżonn. Ix-xhud sostna li huwa dejjem mexa mal-linja tal-Partit tiegħu u ċjoe l-Partit Nazzjonalista. Lil Raymond Cachia sar jafu għax kien jgħinu meta kien jagħmel il-door to door visits.

Muri dokument inserit a fol wieħed u sebgħin sostna li dan huwa email li kien irċieva jumejn qabel ma żżewweġ. Il-facebook message suppost li ntbagħat Patrick Pace minn Valentina Rea. Meta qara dak il-messaġġ ma ħassux komdu. Minħabba li dejjem mexa fuq il-linja tal-Partit, meta sar il-vot ta' sfiduċja fil-konfront tas-Sindku ta' Nikki Dimech huwa kien ivvota kontra Nikki Dimech. Ix-xhud sostna li huwa kien issellef ħames t'elef mingħand Nikki Dimech. Dan is-self kien sar qabel ma huwa kien iżżewweġ. Il-facebook message kien irċevih jumejn qabel ma żżewweġ (on the 14th iżda ma jindikax ta' liema

xahar u sena) u qrah propju dakinhar li żżewweġ (on the 16th iżda ma jindikax ta' liema xahar u sena). Eventwalment sostna li huwa kien iżżewweġ fis-19 ta' Settembru 2010.

Ix-xhud ma ftakarx in-numru tal-mobile li huwa kellu dak iż-żmien.

Sostna li f'Settembru tas-sena 2010 huwa kien irċieva telefonata mingħand Raymond Cachia u qallu li ried ikellmu. Ix-xhud informah li huwa kien sejjer għal laqgħa u ftehmu li jiltaqgħu hemmhekk. Eventwalment ix-xhud sab lill-imputat f'kantuniera f'Depiro Street tas-Sliema u informah li aħjar ma jidħolx għal laqgħa għax jekk jagħmel dan, Nikki Dimech kien se jmur jgħid li tah il-flus. Għalhekk biex jipproteġi r-reputazzjoni tiegħu x-xhud għażel li ma jattendiex għal laqgħa.

Raymond Cachia kien barra l-karozza u fil-karozza kien hemm Nikki Dimech u Joven Hall. Eventwalment Joven Hall ħareġ mill-karozza u x-xhud kellem lil Nikki Dimech waħdu fil-karozza. Dakinhar Nikki Dimech kien irrabjat u anke talbu lura l-flus li kien silfu.

In Kontro-eżami x-xhud sostna li dan l-episodju seħħ wara l-vote of no confidence f'Nikki Dimech. Nikki Dimech kien irrabjat ħafna għalih għax ivvota kontrih. Dan minħabba li meta kien fil-bżonn, kien Nikki Dimech li kien kien għenu finanzjarjament biex ikun jista' jagħmel it-tieġ. Ix-xhud sostna li huwa għadu ma raddx lura l-ammont ta' ħames t'elef lura lil Nikki Dimech.

Valentina Ria kienet it-tfajla ta' Nikki Dimech.

Ix-xhud sostna li dak iż-żmien huwa ħassu inkwetat minn Nikki Dimech għax beda jibża li se jħasarlu r-reputazzjoni tiegħu billi joqgħod jgħid lin-nies li kien silfu l-flus.

Ix-xhud sostna li minn qabel ma kien se jmur għal laqgħa, huwa kien konxju li Nikki Dimech kien se jimbarazzah. Dik ma kienx qalulu l-imputat Raymond Cachia biss. Kien irċieva email u anke kienu qalulu xi nies oħra li Nikki Dimech kien se jimbarazzah.

Ix-xhud sostna li huwa ma beżax mill-imputat Raymond Cachia. Huwa kien qed jibża minn Nikki Dimech.

Raymond Cachia kull ma għamel kien sempliċiment li kkomunikalu dak li kien diġà sema mingħand terzi li kien se jiġrilu jekk jidħol għal laqgħa. Raymond Cachia ma kien qallu xejn ġdid, ħlief dak li kien diġà sema' mingħand terzi. Dakinhar li kien kellmu Raymond Cachia, l-istess Raymond Cachia ma kienx kellmu b'rabja. Kienu tkellmu kif jitkellmu żewġt iħbieb.

Il-Qorti kkunsidrat li l-artikolu 250 tal-Kodiċi Kriminali jirrikjedi li biex l-imputat jinstab ħati irid ikun għamel theddid fil-konfront tal-vittma, u li dan it-theddid ikun li jagħmel denunzja jew kwerela kontra, jew li jagħti malafama lil, dik il-persuna jew persuna oħra. Mix-xhieda ta' Patrick Pace stess ma jirriżultax li l-imputat Raymond Cachia heddu li se jagħmel denunja jew kwerela kontrih jew inkella li kien se jimmalafamah.

**Illi għalhekk din il-Qorti ma hijiex se ssib lill-imputat ħati ta' din l-imputazzjoni stante li ma ġietx ippruvata.**

4. **It-Tielet Imputazzjoni:** *"U aktar talli fl-istess data, lok u ċirkostanzi użajt vjolenza sabiex iġġiegħel lil Patrick Pace Kunsillier fil-Kunsill Lokali ta' Tas-Sliema, iħalli ssir, jew jonqos milli jagħmel xi ħaġa, u b'liema għemil wasalt fil-ħsieb tiegħek."*

Illi fin-nota tiegħu tar-rinviju, l-Avukat Ġenerali jindika essenzjalment l-artikolu 251(1) u l-artikolu 251(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta li taħthom tista' tinstab ħtija ta' din l-imputazzjoni fil-konfront ta' l-imputat.

Fl-Artiklu 251(1) tal-Kodiċi Kriminali jingħad li:

> *"Kull min juża vjolenza, inkluż vjolenza morali u, jewpsikoloġika, u, jew sfurzar, sabiex iġiegħel li xi ħadd jagħmel, iħalli ssir, jew jonqos milli jagħmel, xi ħaġa, jew sabiex inaqqas l-abilitajiettal-persuna jew jiżola tali persuna jew jillimita l-aċċess għall-flus,edukazzjoni jew impjieg, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena msemmija fis-subartikolu (1) tal-aħħar artikolu qabel dan."*

Fl-Artiklu 251(2) tal-Kodiċi Kriminali jingħad li:

"Jekk il-ħati jasal fil-ħsieb tiegħu, huwa jeħel il-piena msemmija fis-subartikolu (2) tal-aħħar artikolu qabel dan."

Illi **fil-Pulizija vs Andrew St. John** deċiża fl-24 ta' Settembru 2019 ingħad li:

*Antonella St. John tispjega dak li skond hi kien jikkonstitwixxi l-abbuz mentali "kelli nissaporta sa sebgha ta' filghaxija b'hafna puntar ta' swaba li alla hares naghmilu xi rapport jew xi haga ghax nista speci infottilu xogholu u li jkollhi konsegwenzi hziena jekk naghmilha". Imbghad tkompli tiddeskrivi l-atteggajment tal-imputat l-ghada filghodu meta rritorna mix-xoghol. Madanakollu din il-qorti, tenut kont ta' kif inhi formulata l-akkuza li tispecifika l-hin tar-reat addebitat lill-imputat, hi prekluza milli tikkunsidraha ulterjorment.*

*In kontro-ezami tkompli tispjega ghaliex hassitha mwegga' bid-diskors tal-imputat "sakemm qed jiekol qed jghajjarni tindahalx ja pulcinella....l-iktar li weggajt hu li kif dak il-platt li kelli jiena lestejtlu, l-pulcinella inbiddlet f'demel".*

*M'hemmx dubbju li aggettivi simili mliesna mill-imputat propju fil-konfront ta' min qed jaghmel hiltu biex ma jonqosx mid-doveri tieghu, kemm bhala omm ta' zewg uliedu kif ukoll bhala martu, huma gratwiti u dispregattivi. Iwegghu bla bzonn u certament ma jaghmlux gieh li min ilisienhom.*

<u>*Izda b'daqshekk jista' jinghad li dawn wasslu sabiex titwettaq vjolenza psikologika fuqha?*</u>

*L-akkuża ravvizata bl-artikolu 251(1) titkellem car. Dak li hu sancit hu il-vjolenza morali u, jew psikologika. Din il-Qorti ma tqis li b'dan il-kliem, bl-impuntar ta' swaba u t-theddida sottili biex ma taghmilx rapport kontra l-imputat, imgieba li inkluz l-argument u l-battibekki inizjali saret f'temp ta' 4 sighat, jista' jitqies li jikkostitwixxi vjolenza morali jew psikologika, ghalkemm certament hu atteggajment deplorevoli ghall-ahhar specjalment meta jitqies min kien qed ilissen tali kliem, liema kliem sar fil-konfront propju ta' dik li kienet qed taghmel dmira mal-istess zewgha billi rat li jmur ghax-xoghol b'zaqqu mimlija. Il-Qorti trid issa tiddetermina jekk l-imgieba tal-imputat tinkwadrax fir-reat prospettat bl-artikolu 251(1) tal-Kodici Kriminali.*

***...hu necessarju li l-att kriminuz li jikkostitwixxi vjolenza psikologika ma jkunx xi att izolat izda "a course of conduct rather than a single event. It is intended to capture the criminal nature of an abusive pattern of behaviour occurring over time."***

Kif diġa ngħad aktar il-fuq, fix-xhieda tiegħu Patrick Pace sostna li dak iż-żmien huwa ħassu inkwetat minn Nikki Dimech għax beda jibża li se jħassarleu r-reputazzjoni tiegħu billi joqgħod jgħid lin-nies li kien silfu l-flus.

Patrick Pace sostna li minn qabel ma kien se jmur għal laqgħa, huwa kien konxju li Nikki Dimech kien se jimbarazzah. Dik ma kienx qalulu l-imputat Raymond Cachia biss. Kien irċieva email u anke kienu qalulu xi nies oħra li Nikki Dimech kien se jimbarazzah.

Patrick Pace sostna li huwa ma beżax mill-imputat Raymond Cachia. Huwa kien qed jibża minn Nikki Dimech.

Raymond Cachia kull ma għamel kien sempliċiment li kkomunikalu dak li kien diġà sema mingħand terzi li kien se jiġrilu jekk jidħol għal laqgħa. Raymond Cachia ma kien qallu xejn ġdid, ħlief dak li kien diġà sema' mingħand terzi. Dakinhar li kien kellmu Raymond Cachia, l-istess Raymond Cachia ma kienx kellmu b'rabja. Kienu tkellmu kif jitkellmu żewġt iħbieb.

Għalhekk mix-xhieda ta' Patrick Pace jirriżulta li l-imputat Raymond Cachia ma wettaq l-ebda forma ta' vjolenza fuq l-istess Patrick Pace. La vjolenza fiżika, la vjolenza psikoloġika u lanqas vjolenza morali. **Għalhekk din il-Qorti m'hijiex se ssib lill-imputat ħati ta' din l-imputazzjoni stante li ma ġietx ippruvata.**

## C. <u>L-Istqarrijiet tal-Imputat</u>

Fit-trattazzjoni finali tiegħu l-imputat sostna li l-istqarrijiet rilaxxati minnu lil pulizija għandhom jiġu skartati u dan għaliex kienu se jippreġudikaw il-każ tiegħu u konsegwenzjalment kienu se jwasslu għal ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu.

Stante l-fatt li l-istqarrijiet tal-imputat ma ppreġudikawx il-każ tiegħu, tant illi huwa ma huwiex se jinstab ħati tal-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu, din il-Qorti ssostni li dawn l-istqarrijiet ma għandhomx jiġu skartati.

## D. <u>Konklużjoni</u>

Għal dawn il-motivi, il-Qorti qed issib lill-imputat Raymond Cachia detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 251162(M) mhux ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u qiegħda tilliberah minnhom.

**Onor. Dr. Kevan Azzopardi**
**Maġistrat**

**Josanne Gauci**
**Deputat Reġistratur**

**< Sentenza Finali >**

**--------------------------------TMIEM--------------------------------**